31992R2075



# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2075/92
## tat-30 ta' Ġunju 1992
## dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Socjali [3],

Billi l-operat u l-iżvilupp tas-suq komuni tal-prodotti agrikoli għandhom isiru flimkien mat-twaqqif ta' politika agrarja komuni sabiex jinkludu b'mod partikolari l-organizzazzjoni komuni tas-swieq li jistgħu jieħdu suriet differenti skond il-prodott;

Billi huwa l-iskop tal-politika agrarja komuni li jinkisbu l-għanijiet ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat, u b'mod partikolari fis-settur tat-tabakk mhux ipproċessat, l-istabbilizzazzjoni tas-swieq u livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni tal-koltivaturi kkonċernati; billi dawn l-għanijiet jistgħu jinkisbu billi r-riżorsi jiġu addattati għall-ħtiġiet, b'mod partikolari permezz ta' politika ta' kwalità;

Billi s-sitwazzjoni preżenti fis-suq tat-tabakk, fejn il-provvista ma tikkorrispondix mad-domanda, titlob għal reviżjoni ta' l-arranġamenti tal-Komunità li sal-lum irregolaw is-suq, filwaqt li jiġi żgurat li jitkompla t-tkabbir tat-tabakk mill-koltivaturi tradizzjonali; billi reviżjoni bħal din teħtieġ li jiġi ssimplifikat il-mekkaniżmu li jikkontrolla s-suq, il-limitazzjoni tal-produzzjoni skond il-ħtiġiet tas-suq u l-eżiġenzi ta' l-estimi, u mezzi aqwa ta' kontroll li jiżguraw li l-mekkaniżmi amministrattivi jiksbu għal kollox l-għanijiet ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni;

Billi t-tipi ta' tabakk jistgħu jiġu kklassifikati fi gruppi skond it-teknika tal-koltivazzjoni u l-ispejjeż tal-produzzjoni, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjonijiet użati fil-kummerċ internazzjonali;

Billi l-kompetizzjoni fis-suq tat-tabakk titlob li jkun hemm xi appoġġ għall-koltivaturi tradizzjonali; billi dan l-appoġġ għandu jkun ibbażat fuq sistema ta' fond li jippermetti l-bejgħ tat-tabakk fil-Komunità,

Billi s-sistema ta' fond tista' tiġi mħaddma b'mod effiċjenti permezz ta' kuntratti għall-koltivazzjoni bejn il-koltivaturi u l-ewwel proċessuri li jiggarantixxu suq stabbli għall-koltivaturi u provvista regolari għall-proċessur; billi l-ħlas ta' somma ekwivalenti għall-fond imħallsa mill-proċessur lill-koltivatur fil-mument tal-kunsinja tat-tabakk kopert mill-kuntratt, suġġett għall-konformità mal-ħtiġiet ta' kwalità, tipprovdi għajnuna lill-koltivaturi filwaqt li tħaffef l-immaniġġjar tas-sistema tal-fond;

Billi, biex tiġi llimitata l-produzzjoni tat-tabakk fil-Komunità u biex tiġi skoraġġita l-produzzjoni ta' tipi li ma jinbigħux malajr, limitu massimu globali ta' garanzija għandu jiġi stabbilit għall-Komunità u jiġi mqassam ta' kull sena f'limiti speċifici ta' garanzija għall-gruppi tat-tipi rispettivi;

Billi, biex tiżgura li l-limiti tal-garanzija jiġu mħarsa, sistema ta' kwota fl-ipproċċessar għandha titwaqqaf għal perjodu limitat; billi għal perjodu transizzjonali l-Istati Membri għandhom jallokaw, fil-limiti tal-garanzija, kwoti ta' l-ipproċessar lid-ditti interessati, ir-regolamenti tal-Komunità stipulati apposta għandhom jiġu applikati biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta fuq bażi tal-kwantitajiet ipproċessati fl-imgħoddi, imma mingħajr konsiderazzjoni għal xi livelli ta' produzzjoni anormali; billi l-miżuri meħtieġa għandhom jittieħdu biex il-kwoti jiġu allokati lill-koltivaturi sussegwentement, skond kondizzjonijiet sodisfaċenti; billi l-Istati Membri li għandhom l-informazzjoni meħtieġa biex jallokaw il-kwoti lill-koltivaturi fuq il-kriterji tar-riżultati ta' l-imgħoddi, għandhom jiġu awtorizzati biex jagħmlu dan;

Billi l-proċessuri primarji m'għandhomx jiffinalizzaw kuntratti għall-koltivazzjoni għal kwantitajiet akbar mill-kwoti allokati; billi r-risarċiment tal-fond għandu jiġi limitat għal ammont li jkun jikkorrispondi mal-kwota;

Billi disposizzjonijiet għandhom isiru inizjalment biex is-sistemi ta' limitazzjoni tal-fond u tal-produzzjoni jibqgħu jseħħu sa l-1997 sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu rikunsidrati fid-dawl ta' l-esperjenza u possibbilment addattati għall-perjodu li jmiss;

Billi l-miżuri biex jorjentaw il-produzzjoni jistgħu jgħinu biex jistabbilizzaw is-suq tat-tabakk u jtejbu l-kwalità tal-produzzjoni; billi l-għajnuna speċifika għandha twassal biex il-gruppi tal-koltivaturi jikkontribwixxu għat-titjib ta' l-organizzazzjoni u l-orjentazzjoni tal-produzzjoni; billi programm ta' riċerka ffinanzjat mir-rikavat ta' dak li jitnaqqas mill-fond għandu jippermetti li t-tkabbir tat-tabakk jersaq aktar lejn il-ħtiġiet tal-Komunità fir-rigward tas-saħħa pubblika; billi, bħala konklużjoni, programm ta' konverżjoni għall-koltivaturi tal-Mavra, tat-Tsebelia, tal-Forchheimer Havanna IIc u ta' ibridi tat-tabakk Geudertheimer huwa meħtieġ minnħabba l-importanza ta' dawn it-tipi għall-ekonomija ta' ċerti reġjuni fil-Komunità;

---

[1] ĠU C 295, ta' l-14.11.1991, p. 10.
[2] ĠU C 94, tat-13.4.1992.
[3] ĠU C 98, tal-21.4. 1992, p. 18.

Billi t-twaqqif ta' suq wieħed jitlob sistema waħda ta' kummerċ fuq il-fruntieri esterni;

Billi restrizzjonijiet kwantittativi fuq il-fruntieri esterni tal-Komunità jistgħu jitneħħew; billi, madankollu, f'każ li jinqalgħu ċirkostanzi speċjali, sabiex is-suq tal-Komunità ma jitħalliex mingħajr protezzjoni kontra xi taqlib, il-Komunità għandha tkun f'pożizzjoni li tieħu l-passi meħtieġa mingħajr dewmien;

Billi xi ċirkustanzi imprevisti fis-suq jistgħu jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ fis-suq min-naħa tal-Kummissjoni;

Billi l-kisba ta' suq wieħed tista' tiġi kompromessa minħabba l-għoti ta' ċerta għajnuna; billi d-disposizzjonijiet tat-Trattat li jirregola l-valutazzjoni ta' l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri u l-projbizzjoni ta' l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni għandhom jiġu applikati għas-settur tat-tabakk;

Billi, b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 fuq il-finanzjament tal-politika agrarja komuni [1], il-Komunità għandha terfa' r-responsabbiltà finanzjarja għan-nefqa li tkun saret mill-Istati Membri skond dan ir-Regolament;

Billi l-esperjenza turi li kontrolli aktar stretti fis-settur tat-tabakk huma essenzjali, billi f'każi approprjati ċerti poteri ta' kontroll jistgħu jiġu assenjati lil xi aġenzija indipendenti li tissorvelja u tittratta l-ħtiġiet speċifiċi tas-suq tat-tabakk;

Billi l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk għandha tqis, simultanjament u b'mod approprjat, l-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat;

Billi t-transizzjoni mill-arranġamenti mwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 727/70 tal-21 ta' April 1970 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat [2], għall-arranġamenti previsti fih għandha ssir fl-aħjar kondizzjonijiet possibbli; billi jista' jkun hemm il-bżonn ta'miżuri transizzjonali biex dan iseħħ; billi l-arranġamenti l-ġodda m'għandhomx jibdew jgħoddu kompletament qabel il-ħsad ta' l-1993,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-organizzazzjoni komuni tas-suq tat-tabakk mhux ipproċessat għandha tinkludi regolamenti fuq:

— is-sistema tal-fond,

— il-miżuri li jorjentaw u jillimitaw il-produzzjoni,

— l-arranġamenti għall-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

L-organizzazzjoni komuni għandha tkopri t-tabakk mhux ipproċessat jew mhux manifatturat u skart tat-tabakk li jaqa' taħt l-intestatura CN 2401.

*Artikolu 2*

Il-tipi tat-tabakk mhux ipproċessat għandhom jiġu kklassifikati fil-gruppi li ġejjin:

(a) imqadded bis-sħana:

tabakk imnixxef fl-ifran b'ċirkolazzjoni ta' arja, b'temperatura u umdità kkontrollata;

(b) tabakk ċar imqadded fl-arja:

tabakk imnixxef fl-arja taħt l-għata, mingħajr ma jitħalla jiffermenta;

(ċ) skur imqadded fl-arja:

tabakk imnixxef fl-arja taħt l-għata, li jitħalla jiffermenta b'mod naturali qabel ma' jinbiegħ;

(d) imqadded bix-xemx:

tabakk imnixxef bix-xemx;

(e) imqadded bin-nar:

tabakk imnixxef bin-nar;

(f) Basma (imqadded bix-xemx);

(g) Katerini (imqadded bix-xemx);

(h) Kaba-Koulak (klassiku) u tabakk ieħor simili (imqadded bix-xemx).

Il-tipi f'kull grupp huma elenkati fl-Anness.

IT-TITOLU I

**Is-sistema tal-fond**

*Artikolu 3*

1. Mill-ħsad tal-1993 sal-ħsad tal-1997 għandha titħaddem sistema ta' fond. L-ammont tal-fond għandu jkun l-istess għat-tipi tat-tabakk f'kull wieħed mill-gruppi.

[1] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 2048/88 (ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 1).

[2] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 860/92 (ĠU L 91, tas-7.4.1992, p. 1).

2. Iżda, fil-każ tat-tabakk imqadded bis-sħana, tabakk ċar u tabakk skur imqadded fl-arja mkabbar fil-Belġju, il-Ġermanja u Franza, għandu jittieħed ammont supplimentari. Dan l-ammont għandu jkun ugwali għal 50 % tad-differenza bejn il-fond mogħti għal dawn it-tipi ta' tabakk b'konformità mal-paragrafu 1 u l-fond applikabbli għall-ħsad ta' l-1992.

3. L-għan ta' dan il-fond għandu jkun dak li jissupplimenta l-qligħ tal-koltivaturi li l-prodotti tagħhom ikunu jikkorrispondu mal-ħtiġiet tas-suq u biex jiġi mħaffef il-bejgħ tat-tabakk prodott fil-Komunità.

*Artikolu 4*

1. B'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat, il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-ammont tal-fond u l-ammonti supplimentari għall kull ħsad ta' tabakk, filwaqt li jqis b'mod partikolari l-imgħoddi u l-possibbilitajiet prevedibbli għall-bejgħ tad-diversi tipi ta' tabakk, taħt il-kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni, fil-Komunità u fis-swieq dinjija.

2. L-ammont tal-fond għandu jiġi stabbilit:

(a) għal kull kilo ta' tabakk tal-werqa qabel ma jiġi pproċessat għall-ewwel darba u mħejji għas-suq;

(b) għal kull grupp ta' tabakk mhux ipproċessat.

*Artikolu 5*

L-għoti tal-fond għandu jkun marbut b'mod partikolari mal-kondizzjonijiet li gejjin:

(a) it-tabakk irid joriġina minn żona ta' produzzjoni speċifikata għat-tip imsemmi;

(b) il-ħtiġiet rigward il-kwalità jridu jiġu mħarsa;

(ċ) it-tabakk tal-werqa għandu jiġi kkunsinjat mill-koltivatur sal-post ta' l-ewwel proċessur skond il-kuntratt tal-koltivazzjoni.

*Artikolu 6*

1. Il-kuntratti tal-koltivazzjoni għandhom jinkludu:

— obbligazzjoni min-naħa ta' l-ewwel proċessur li jħallas lill-koltivatur, barra mill-prezz tax-xiri, somma ugwali għall-fond fil-mument tal-kunsinja għall-kwantità skond il-kuntratt u li tkun effettivament ikkunsinjata;

— obbligazzjoni min-naħa tal-koltivatur li jikkunsinja sal-post ta' l-ewwel proċessur it-tabakk mhux ipproċessat skond il-ħtiġiet tal-kwalità.

2. Il-korp kompetenti għandu jħallas lura l-ammont ta' fond lill-ewwel proċessur hekk kif tiġi ppreżentata xhieda li l-koltivatur jkun ikkunsinja t-tabakk u li l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jkun tħallas.

*Artikolu 7*

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23.

Dawn għandhom jinkludu:

— delimitazzjoni taz-zoni ta' produzzjoni għal kull tip,

— ħtiġiet rigward il-kwalità tat-tabakk ikkunsinjat,

— punti addizzjonali li għandhom jiġu inklużi fil-kuntratt tal-koltivazzjoni u d-data finali biex dan jiġi konkluż,

— il-possibbiltà ta' obbligazzjoni għall-ewwel proċessur li jipprovdi garanzija jekk dan jitlob ħlas bil-quddiem, u l-kondizzjonijiet li jirregolaw id-disposizzjoni u l-liberazzjoni tal-garanzija msemmija,

— kondizzjonijiet speċifiċi għall-għotja tal-fond f'każijiet fejn il-kuntratt tal-koltivazzjoni jiġi ffinalizzat ma' grupp ta' koltivaturi,

— miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' nuqqas min-naħa tal-koltivatur jew l-ewwel proċessur li ma jimxix ma' l-obbligi statutorji.

IT-TITOLI II

## Is-sistema tal-limitazzjoni tal-produzzjoni

*Artikolu 8*

Limitu massimu ta' garanzija globali għall-Komunità qed jiġi hawn stabbilit bħala 350 000 tunnellata metrika ta' tabakk tal-werqa mhux ipproċessat għal kull ħsad. Iżda, fil-każ ta' l-1993, dan il-limitu qed jiġi stabbilit bħala 370 000 tunnellata metrika.

Kull sena, fl-ambitu ta' dan il-limitu, il-Kunsill għandu jistabbilixxi, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat, limitu speċifiku ta' garanzija għal kull grupp ta' tipi, filwaqt li jiġu meqjusa b'mod partikolari l-kondizzjonijiet tas-suq u l-kondizzjonijiet soċjo-ekonomiċi u agronomiċi fiż-żoni tal-produzzjoni kkonċernati.

*Artikolu 9*

1. Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-limiti tal-garanzija, sistema ta' kwoti għall-ipproċessar qiegħda hawn titwaqqaf għall-ħsad mill-1993 sa l-1997.

2. Għal kull ħsad, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat, il-Kunsill għandu jalloka fost l-Istati Membri koltivaturi l-kwantitajiet disponibbli għal kull grupp ta' tipi.

3. Fuq il-bażi tal-kwantitajiet allokati skond il-paragrafu 2 u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-paragrafu 5, l-Istati Membri għandhom iqassmu l-kwoti ta' l-ipproċessar fuq bażi transnazzjonali għall-ħsad ta' l-1993 u 1994 fost l-ewwel proċessuri skond il-proporzjoni tal-medja tal-kwantitajiet ikkunsinjati għall-ipproċessar matul it-tliet snin ta' qabel l-aħħar ħsad, imqassma skond il-grupp ta' tipi. Iżda, il-produzzjoni ta' l-1992 u l-kunsinji minn dan il-ħsad m'għandhomx jitqiesu. Il-proċedura għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-ipproċessar tal-ħsad sussegwenti ma għandhiex tiġi effettwata minn din l-istess allokazzjoni.

L-ewwel proċessuri li jibdew in-negozju wara l-bidu tal-perjodu ta' referenza għandhom jiksbu kwantità proporzjonali għal kwantità medja ikkunsinjata għall-ipproċessar matul il-perjodu tan-negozju tagħhom.

Għall-ewwel proċessuri li jibdew in-negozju fis-sena tal-ħsad jew matul is-sena ta' qabel, l-Istati Membri għandhom iwarrbu 2 % tal-kwantitajiet totali disponibbli skond il-gruppi tat-tipi. Fl-ambitu ta' dan il-perċentwal, l-imsemmija proċessuri ewliena għandhom jiksbu kwantità li ma taqbiżx is-70 % tal-kapaċità tagħhom fl-ipproċessar, basta dawn joffru garanziji approprjati dwar l-effiċjenza u l-vijabilità fit-tul tal-kummerċ tagħhom.

4. Iżda, l-Istati Membri jistgħu jqassmu kwoti direttament lill-koltivaturi jekk dawn jiddisponu mill-informazzjoni meħtieġa dwar il-produzzjoni tal-koltivaturi kollha għat-tliet snin ta' ħsad qabel l-aħħar wieħed, fir-rigward tat-tipi u l-kwantitajiet ikkoltivati u kkunsinjati lil xi proċessur.

5. Meta l-kwoti jiġu allokati kif previst fil-paragrafi 3 u 4, l-ebda konsiderazzjoni partikolari m' għandha tittieħed, meta tiġi kkalkolata l-produzzjoni tar-referenza, ta' kwantitajiet żejda ta' tabakk mhux ipproċessat 'il fuq mill-kwantitajiet massimi garantiti applikabbli skond ir-Regolament (KEE) Nru 727/70.

Fejn ikun approprjat, titqies il-produzzjoni biss fl-ambitu tal-kwota allokata matul is-snin li jkunu qed jiġu kkunsidrati.

*Artikolu 10*

Proċessur ewlieni m'għandux jiffinalizza kuntratti tal-koltivazzjoni jew jirċievi ħlas lura għall-ammont tal-fond fuq kwantitajiet 'il fuq mill-kwota allokata lilu, jew lill-koltivatur.

*Artikolu 11*

jRegoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23. Dawn għandhom jinkludu l-aġġustament, kif stabbilit fl-Artikolu 9 (5), fil-metodu tad-distribuzzjoni tal-kwoti u l-prekondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-kwoti fil-livell tal-koltivaturi, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjonijiet preċedenti tagħhom.

IT-TITOLU III

**Il-miżuri biex tinbidel il-produzzjoni**

*Artikolu 12*

1. Sabiex tiġi kkonċentrata l-provvista u tiġi addattata għall-ħtigiet kwalitattivi tas-suq, għajnuna speċifika ta' 10 % mill-fond għandha tingħata f'każijiet fejn il-kuntratti tal-koltivazzjoni jiġu ffinalizzati bejn proċessur ewlieni u grupp magħruf ta' koltivaturi u meta l-Kunsinji li jaqgħu taħt dawn il-kuntratti jkunu jagħmlu tajjeb għall-produzzjoni kollha tal-membri tal-grupp.

2. Għajnuna speċifika għandha titħallas lill-grupp ta' koltivaturi biex tittejjeb l-organizzazzjoni u l-orjentazzjoni tal-produzzjoni.

3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu addottati mill-Kummissjoni b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23. Dawn għandhom jinkludu: D

— id-definizzjoni tal-gruppi ta' koltivaturi eliġibbli għall-għajnuna speċifika,

— il-kondizzjonijiet għall-għarfien tal-gruppi tal-koltivaturi,

— l-użu li jista' jsir mill-għajnuna speċifika.

*Artikolu 13*

1. Fond Komunitarju għar-riċerka u l-informazzjoni dwar it-tabakk għandu jitwaqqaf. Dan għandu jiġi ffinanzjat minn dak li jibqa' wara li jiġu mnaqqsa mhux aktar minn 1 % mill-fond meta jsir il-ħlas.

2. Il-fond għandu jiffinanzja u jikkoordina programmi ta' riċerka u informazzjoni biex ikattar aktar tagħrif fuq l-effetti ta' ħsara tat-tabakk u l-miżuri approprjati għall-prevenzjoni u l-kura marbuta ma' dawn l-effetti u biex il-produzzjoni tat-tabakk tal-Komunità torjenta ruħha lejn it-tipi u l-kwalitajiet li jkunu l-anqas ta' ħsara.

3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23.

*Artikolu 14*

Programm ta' tliet snin għall-konverżjoni tal-pjantaġġuni tat-tabakk Mavra, Tsebelia, Forchheimer Havanna IIc u l-ibridi tal-Geudertheimer għal tipi aktar konformi mal-ħtiġiet tas-suq jew għal prodotti agrikoli oħra għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23. Il-programm għandu jiġi mniedi biex jibda mill-ħsad ta' l-1993. Dan jista' jinkludi miżuri speċifiċi ta' kumpens għall-koltivaturi għal kwalunkwe telf ta' qligħ minħabba l-konverżjoni.

IT-TITOLU IV

**Il-kummerċ ma' pajjiżi terzi**

*Artikolu 15*

Ħlief fejn ikun previst mod ieħor minn dan ir-Regolament jew fejn il-Kummissjoni tagħmel eċċezzjoni b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23, dan li ġej għandu jiġi pprojbit fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

(a) il-ġbir ta' xi ħlas b'effett ekwivalenti ta' dazju;

(b) l-applikazzjoni ta' xi restrizzjoni kwantitattiva jew miżura b'effett ekwivalenti.

*Artikolu 16*

1. Jekk, minħabba l-esportazzjoni jew l-importazzjoni, is-suq tal-Komunità f'wieħed jew aktar mill-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 ibati jew jista' jbati xi taqlib serju li jfixkel l-għanijiet ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri approprjati jistgħu jittieħdu fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi sakemm it-taqliba jew it-theddida ta' taqliba tkun għaddiet.

2. Jekk isseħħ is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' xi Stat Membru jew b'inizjattiva tagħha stess, tiddeċidi fuq il-miżuri meħtiega, li għandhom jitħabbru lill-Istati Membri u jibdew jgħoddu minnufih. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn xi Stat Membru din għandha tieħu deċizjoni dwarha fi zmien 24 siegħa wara li tkun irċeviet it-talba.

3. Il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni jistgħu jitressqu quddiem il-Kunsill minn kull Stat Membru fi-zmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Dan jista' jemenda jew jannulla l-miżura msemmija b'maġġoranza kkwalifikata.

IT-TITOLU V

**Id-disposizzjonijiet generali u transizzjonali**

*Artikolu 17*

Biex jiġu affrontati ċirkustanzi kummerċjali impreviśti, jistgħu jittieħdu miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23. L-ambitu u ż-żmien ta' miżuri bħal dawn m'għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtiega biex jingħata appoġġ lis-suq.

*Artikolu 18*

Ħlief fejn hu previst mod ieħor minn dan ir-Regolament, l-Artikoli 92, 93 u 94 tat-Trattat għandhom jgħoddu għall-produzzjoni u l-kummerċ tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

*Artikolu 19*

L-ispiża li tintefaq skond it-Titoli I u III għandha titqies bħala spiża li taqa' fis-sens ta' l-Artikolu 1 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 729/70.

*Artikolu 20*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtiega biex jiżguraw li jkun hemm konformità mad-disposizzjonijiet tal-Komunità fir-rigward tat-tabakk mhux ipproċessat. Għal dan l-għan għandhom javżaw lill-Kummissjoni, fi-żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, bl-arranġamenti li jkun maħsub li jagħmlu għall-iskopijiet ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll. Fi żmien tliet xhur wara dan l-avviż il-Kummissjoni għandha tapprova l-arranġamenti jew titlob aġġustament. Fejn jinħtieġu aġġustamenti l-Istati Membri għandhom jagħmluhom ma' l-ewwel opportunità. Kull tibdil fl-arranġamenti nazzjonali għandu jitħabbar mingħajr dewmien mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u għandu jigi eżaminat minnha b'konformità ma' l-istess proċedura.

2. Kull Stat Membru koltivatur għandu jwaqqaf, b'konformità ma' l-ordni legali tiegħu, aġenzija speċifika li tagħmel ċerti kontrolli dwar l-arranġamenti Komunitarji għat-tabakk. Iżda, l-Istati Membri li għandhom limitu tal-kwantità anqas minn 45 000 tunnellata metrika skond l-Artikolu (9) 2, jistgħu jagħżlu li ma jwaqqfux din l-aġenzija.

3. L-aġenzija għandu jkollha awtonomija amministrativa shiħa. Din għandha tingħata s-setgħat kollha mill-Istati Membri interessati biex twettaq ix-xogħol mogħti lilha.

L-istaff tagħha għandu jkun suffiċjenti fl-għadd u mħarreġ biżżejjed biex jaqdi ħidmietu kif imsemmi hawn fuq.

4. Qabel il-bidu ta' kull sena kummerċjali, l-Istati Membri interessati għandhom, fuq proposta ta' l-aġenzija, jikkompilaw u jibagħtu lill-Kummissjoni estimi u pjan ta' xogħol biex jiżguraw li s-sistema tal-fond tiġi applikata tajjeb. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet ta' dan ta' l-aħħar, biex jagħmel kull tibdil fl-estimi jew fil-pjan tax-xogħol kif jidrilha approprjat.

Il-persuni nnominati mill-Kummissjoni jistgħu f'kull waqt jimmonitorjaw kwalunkwe xogħol li jsir mill-aġenzija.

L-aġenzija għandha tressaq quddiem l-Istati Membri u l-Kummissjoni rapporti regolari dwar ix-xogħol li tkun għamlet. Dawn ir-rapporti għandhom isemmu xi problemi li jkunu nstabu u, fejn approprjat, suġġerimenti dwar kif jistgħu jittejbu l-arranġamenti għall-kontroll.

5. 50 % ta' l-ispiża attwali ta' l-aġenzija għandha tittieħed mill-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, il-bqija għandhom ikunu koperti mill-Istati Membri interessati.

6. L-ammont annwali ta' l-ispiża attwali msemmija fil-paragrafu 5 għandu jiġi deċiż mill-Kummissjoni skond l-informazzjoni partikolari pprovduta mill-Istati Membri interessati. L-ammont għandu jingħata meta l-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-aġenzija twaqqfet u qed tagħmel ix-xogħol mogħti lilha. Biex it-twaqqif u l-operat ta' l-aġenzija iżjed jitħaffef, l-ammont jista' jitħallas bil-quddiem f'forma ta' pagamenti matul l-istess sena, b'konformità ma' l-estimi annwali ta' l-aġenzija, filwaqt li dan ta' l-aħħar għandu jiġi kkompilat bi ftehim ma' l-Istat Membru u l-Kummissjoni qabel it-tmiem ta' Ottubru ta' kull sena sussegwenti.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-uffiċjali ta' l-ispettorat innominati skond il-paragrafi minn 2 sa 4:

— ikollhom aċċess għal-lokal tal-produzzjoni, għall-ipproċ-ċessar u għall-bejgħ,

— ikunu jistgħu jeżaminaw id-*data* tal-kontijiet u dokumenti oħra marbuta mal-proċedura tal-kontroll, u jagħmlu kopji tagħhom jew jieħdu xi estratti minnhom,

— ikunu jistgħu jitolbu kull informazzjoni rilevanti.

8. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni b'konformità mal-proċedura stabbilita f-Artikolu 23.

*Artikolu 21*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jibagħtu lil xulxin kull informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Regoli dettaljati biex tintbagħat u tixxered din l-informazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23.

*Artikolu 22*

Kumitat Amministrattiv għat-tabakk (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") għandu jitwaqqaf u jkun jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u jiġi presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

*Artikolu 23*

1. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fi żmien stabbilit li l-President jista' jippreskrivi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tiġi espressa mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148 (2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun mitlub jadotta fuq proposta tal-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom ikunu peżati kif stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li jibdew jgħoddu minnufih. Iżda, jekk dawn il-miżuri ma jkunux konformi ma'l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma bihom lill-Kunsill. F'dak il-każ il-Kummissjoni tista' tipposponi l-applikazzjoni tal-miżuri deċiżi minnha għal perjodu ta' mhux aktar minn xahar mid-data tal-komunikazzjoni.

3. Il-Kunsill, filwaqt li jkun jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti qabel ma' jiskadi ż-żmien kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel.

*Artikolu 24*

Il-Kumitat jista' jikkunsidra kull materja oħra mressqa mill-president, sew fuq inizjattiva tiegħu kif ukoll fuq talba tar-rappreżentant ta' xi Stat Membru.

*Artikolu 25*

Dan ir-Regolament għandu jigi applikat b'mod li jitqiesu simultanjament u b'mod approprjat, l-għanjiet stabbiliti fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat

*Artikolu 26*

Qabel l-ewwel ta' April ta' l-1996 il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta lill-Kunsill dwar l-arranġamenti stabbiliti fit-Titoli I u II biex jiġu applikati mill-ħsad ta' l-1998 'il quddiem. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq din il-proposta b'konformità mal-procedura stabbilita fl-Artikolu 43 (2) tat-Trattat.

*Artikolu 27*

Fejn ikunu jinħtieġu miżuri ta' transizzjoni sabiex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni mill-arranġamenti mwaqqfa mir-Regolament (KEE) Nru 727/70 għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23.

*Artikolu 28*

Ir-Regolament (KEE) Nru 727/70 qed jiġi revokat b'effett mill-ħsad tal-1993.

*Artikolu 29*

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-ħsad ta' l-1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-30 ta' Ġunju 1992.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Arlindo MARQUES CUNHA

*ANNESS*

**IL-KLASSIFIKA TAT-TIPI TAT-TABAKK**

I. IMQADDED BIS-SĦANA

Virginia

Virginia D u l-ibridi tiegħu

Leqqien

II. ĊAR IMQADDED FL-ARJA

Burley

Badischer Burley u l-ibridi tiegħu

Maryland

III. SKUR IMQADDED FL-ARJA

Badischer Geudertheimer, Pereg, Korso

Paraguay u l-ibridi tiegħu

Dragon Vert u l-ibridi tiegħu

Philippin

Petit Grammont (Flobecq)

Semois

Appelterre

Nijkerk

Misionero l-ibridi tiegħu

Rio Grande w ibridi tiegħu

Forchheimer Havanna IIc

Nostrano del Brenta

Resistente 142

Goyano

L-ibridi ta' Geudertheimer

Beneventano

Brasile Selvaggio u tipi simili

Burley iffermentat

Havanna

IV. IMQADDED BIN-NAR

Kentucky u l-ibridi

Moro di Cori

Salento

V. IMQADDED FIX-XEMX

Xanthi-Yaka

Perustitza

Samsun

Erzegovina u tipi simili

Myrodata Smyrnis, Trapezous and Phi I

Kaba Koulak (non-klassiku)

Tsebelia

Mavra

VI. Basmas

VII. Katerini u tipi simili

VIII. Kaba Koulak (klassiku)

Elassona

Myrodata Agrinion

Zichnomyrodata